31997D0392

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-6 ta' Ġunju 1997
dwar it-tpoġġija fis-suq tal-kolza sħiħa ġenetikament modifikata (Brassica napus L. oleifera Metzg. MS1, RF1), skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(97/392/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent tal-organiżmi ġenetikament modifikati [1], kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/15/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 13 tagħha,

Billi l-Artikoli 10 sa 18 tad-Direttiva 90/220/KEE jistipulaw proċedura tal-Kommunità li tippermetti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tagħti l-kunsens għat-tpoġġija fis-suq ta' prodotti li jikkonsistu f' organiżmi ġenetikament modifikati;

Billi, skond dik il-proċedura, d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/158/KE [3] dwar it-tpoġġija fis-suq ta' żerriegħa tal-kolza sħiħa, ibrida u tolleranti għall-erbiċida (*Brassica napus L. oleifera Metzg* MS1Bn × RF1Bn) kienet adottata u dwar il-kunsens tal-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għat-tpoġġija fis-suq ta' dak il-prodott bl-iskop biss li jiġi miżruh biex tinkiseb iż-żerriegħa; billi wara dik id-Deċiżjoni, l-awtorità kompetenti ta' Franza rċiviet notifika oħra rigward l-istess prodott minn għand l-istess notifikant, Plant Genetic Systems (ref. C/F/95/05/01/A), fejn talab illi jingħata kunsens għat-tkabbir u maniġġar fl-ambjent qabel u waqt l-ipproċessar lill-frazzjonijiet li mhumiex viabbli;

Billi, wara li l-awtorità kompetenti ta' Franza għaddiet l-inkartament dwar dan lill-Kummissjoni b' opinjoni favorevoli;

Billi, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra oġġezzjonaw għal dan l-inkartament;

Billi, għaldaqsant, skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 90/220/KEE, jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni skond il-proċedura li hemm pprovduta fl-Artikolu 21 ta' dik id-Direttiva;

Billi, l-Kummissjoni wara li eżaminat l-oġġezzjonijiet kollha li saru fid-dawl tal-iskop tad-Direttiva 90/220/KEE u l-informazzjoni mogħtija fl-inkartament, waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

— fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-użu bħala ikel għall-bniedem jew għall-annimali, l-evalwazzjoni tar-riskju skond id-Direttiva 90/220/KEE tevalwa jekk il-modifika ġenetika jistax ikollha effetti tossiċi jew effetti ħżiena għas-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent,

— m' hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jaħseb li ser ikun hemm effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent mill-introduzzjoni fil-kolza sħiħa tal-ġeni li fihom il-kodiċi għal *phosphinotricin acetyl transferase* u għan- *neomycin phosphotransferase II*,

— m' hemm l-ebda raġuni ta' sigurtà għaliex l-ittikkettjar għandu jsemmi li l-prodott ikun inkiseb b tekniċi ta' modifikazzjoni ġenetika;

— it-tikketta għandha tindika li l-prodott għandu aktar tolleranza għall-erbiċida *glufosinate ammonium*;

Billi l-awtoriżżazzjoni ta' erbiċidi kimiċi li jingħataw lill-pjanti u l-assessjar tal-użu tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma riferuti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/68/KE [5], u mhux skond id-Direttiva 90/220/KEE;

[1] ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15.
[2] ĠU L 103, tat-22.4.1994, p. 20.
[3] ĠU L 37, tal-15.2.1996, p. 30.
[4] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[5] ĠU L 277, tat-30.10.1996, p. 25.

Billi l-Artikolu 11(6) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 90/220/KEE jipprovdu protezzjoni ulterjuri jekk issir disponibbli informazzjoni dwar ir-riskji tal-prodott;

Billi l-miżuri li hemm pprovduti huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 90/220/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-liġijiet l-oħra tal-Komunità, l-aktar id-Direttivi tal-Kunsill 69/208/KEE [1] u 70/457/KEE [2], u konformi mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-kunsens għat-tpoġġija fuq is-suq tal-prodott li ġej, li ġie nnotifikat minn Plant Genetic Systems (ref. C/F/95/05/01/A): jingħata mill-awtorità kompetenti ta' Franza:

Żerriegħa tal-kolza sħiħa ibrida (*Brassica napus L. oleifera Metzg.*) li tnisslet minn inkroċjar ta':

(a) proġeni tal-linja maskili sterili tal-kolza sħiħa MS1 (B91-4) *cultivar Drakkar* li fiha l-kodiċi tal-ġeni *Bacillus amyloliquefaciens* għar-*ribonuclease*, il-ġeni *bar gene* mill-kodiċi *Streptomyces hygroscopicus* għal *phosphinothricin acetyl transferase*, il-ġeni l-ġdid mill-kodiċi *Escherichia coli* għan-*neomycin phosphotransferase II*, l-aġent li jmexxi *PSsuAra* mill-*Arabidopsis thaliana*, l-aġent li jmexxi *PNos* mill-*Agrobacterium tumefaciens*, l-aġent li jmexxi *PTA29* minn *Nicotiana tabacum*; u

(b) il-proġeni li jagħti lura l-fertilità lill-linja tal-kolza sħiħa *RF1* (*B93-101*) *cultivar Drakkar* li fih il-ġeni bagħal mill-kodiċi tal-*Bacillus amyloliquefaciens* għar-*ribonuclease inhibitor*, il-ġeni *bar* mill-kodiċi tal-*isreptomyces hygroscopicus* għall-*phosphinothricin acetyl transferase*, il-ġeni l-ġdid mill-kodiċi tal-*Escherichia coli* għan-*neomycin phosphotransferase II*, l-aġent mexxej *PSsuAra* mill-*Arabidopsis thaliana*, l-aġent mexxej *PNos* mill-*Agrobacterium tumefaciens*, l-aġent mexxej *PTA29* minn *Nicotiana tabacum*.

2. Il-kunsens ikopri kull proġeni meħud mit-taħlit tal-prodotti ma' kolza sħiħa mkabbra bil-mod tradizzjonali.

Huwa jkopri t-tpoġġija fis-suq tal-prodott maħsub għat-tkabbir u l-immaniġjar tiegħu fl-ambjent qabel u matul l-ipproċesar fi frazzjonijiet mhux vijabbli.

mingħajr preġudizzju għal tikkettjar ieħor rikjest mill-leġislazzjoni tal-Komunità, t-tikketta ta' kull pakkett taż-żerriegħa għaż-żriegħ għandha turi li l-prodott għandu tolleranza ikbar għall-erbiċida *glufosinate ammonium*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, p. 3.
[2] ĠU L 225, tat-12.10.1970, p. 1.